10 ta' Ottubru 2015
108/2015

**IL-KNISJA STRUMENT TA' MEDJAZZJONI PASTORALI**

INTERVENT TAL-ISQOF MARIO GRECH WAQT IS-SINODU TAL-ISQFIJIET

Għalkemm ħadd ma jista jitfi fil-bniedem il-bżonn li jidħol f'relazzjoni stabbli ta' imħabba mal-persuna li jkun iħobb, huwa fatt li m'humiex ftit dawk li qed jgħejjew iġorru l-piż ħelu taż-żwieġ u l-familja.

Fost dawn hemm dawk li jħossuhom ittraduti mix-xjenzi umani, mill-politika u l-ekonomija. Imma hemm ukoll dawk li huma sfiduċjati fil-Knisja għaliex jidhrilhom li fostna hemm min jagħti importanza aktar lil prinċipji milli lill-persuna fil-konkretezza tal-ħajja. Huma jinnutaw li fil-linji gwida li toffri l-komunità ekkleżjali fil-kuntest taż-żwieġ u l-familja, hemm insistenza aktar fuq "il-morali normattiva" (biex ikunu obduti l-liġijiet, il-kmandamenti u r-regoli dixxiplinari) milli fuq "il-morali tal-virtù", fejn il-bniedem li hu maħtuf mill-ġmiel u t-tjubija tat-tajjeb (bene), jassumi "atteġġjamenti virtużi" u bil-mod il-mod jersaq lejn il-perfezzjoni. Kif tistqarr il-Kummissjoni Biblika Pontifiċja, "il-valuri u l-virtù li jgħinu lill-bniedem jgħix ir-rieda t'Alla, għandhom ikunu prattikati sakemm huwa possibli anke fiċ-ċirkustanżi fejn hemm id-dnub u n-nuqqas ta' perfezzjoni fil-ħajja attwali, kif nsibu fil-parabboli tax-xibka u ta' dak li ħareġ jiżra" (*Bibbia e morale, radici bibliche dell'agire morale*, 2008, 43).

Għalhekk, bħala Knisja, ma għandna nehdew qatt inxandru l-verità evanġelika dwar il-ħajja taż-żwieġ u l-familja u noffru kull opportunità biex kemm il-bniedem kif ukoll is-soċjetà, jiskopru u jgħozzu l-ġmiel taż-żwieġ naturali kif ukoll taż-żwieġ sagrament li, meta huwa ċċelebrat sewwa, għandu rabta eterna; imma kkunsidrata l-kriżi antroplolġika li għandna llum, il-Knisja hija msejħa ukoll biex, fuq l-eżempju ta' Mosè u tal-Appostlu Pawlu (1Kor 7) tkun *strument ta' medjazzjoni pastorali* bejn l-ideali taż-żwieġ kif espressi fin-normi attwali, u l-bniedem dgħajjef.

It-tradizzjoni tal-Knisja fl-Orjent filwaqt li bil-prinċipju tal-*akribeia* tosserva li ż-żwieġ sagrament huwa indissolubbli, bit-tħaddim tal-prinċipju tal-*oikonomia* twettaq dik il-medjazzjoni pastorali fi spirtu ta' kondixxendenza, partikularment meta l-bniedem ikun f'qagħda rreversibli. Il-loġika tal-*oikonomia* hija l-loġika tal-approssimazzjoni tas-sitwazzjoni mperfetta ma' l-ideal fil-każ partikulari. Kull azzjoni umana hija f'tensjoni lejn l-ideali u għalhekk approssimazzjoni lejh. Ħajja moralment tajba ma tfissirx li l-bniedem huwa perfett, imma timplika l-impenn u t-taqbida ta' min jemmen biex jilħaq il-perfezzjoni. Permezz tal-*oikonomia* fil-każ konkret issir eċċezzjoni għar-

regola għax kieku l-istess regola kellha tkun applikata b'mod riġidu (akribeia), aktar tagħmel deni milli ġid. Kif josserva t-teologu Basilio Petra', Origene "jammetti li din il-medjazzjoni pastorali tista ssir anke jekk twassal biex jidher li hemm kontradizzjoni mal-liġijiet. Għal Origine, is-setgħa pastorali tar-ragħajja mhix hemm sempliċement għas-servizz għall-liġi, imma għall-ġid tan-nisrani u ma tistax tinsa l-qagħda konkreta li fiha jkun jinsab n-nisrani" (Divorzio e seconde nozze nella tradizione greca, 85).

Ir-rabta bejn l-*akribeia* u l-*oikonomia* tixbaħ ir-rabta bejn il-*ġustizzja* mifhuma bħala l-osservanza tal-liġi u l-*ħniena* pastorali. Dawn m'humiex żewġ aspetti kontra xulxin, imma huma żewġ dimensjonijiet ta' realtà waħda li tiżviluppa bil-mod il-mod sakemm tilħaq il-qofol tagħha fil-milja tal-imħabba. Kif jinnota l-Papa Franġisku, il-viżjoni li l-Israelita tajjeb huwa biss dak li joqgħod ghall-kmandamenti ta' Alla, "mhux darba jew tnejn wasslet lill-bniedem biex jaqa' fil-legaliżmu, għax tilef is-sens oriġinarju u dallam il-valur profond li għandha l-ġustizzja. Biex nissuperaw din il-perspettiva legalista, jeħtieġ niftakru li fl-Iskrittura Mqaddsa l-ġustizzja hi essenzjalment mifhuma bħala abbandun fiduċjuż f'idejn ir-rieda ta' Alla....Is-sejħa għall-osservanza tal-liġi ma tistax tnaqqar mill-attenzjoni lejn il-ħtiġijiet li jmissu d-dinjità tal-persuna" (*Misericordia vultus,* 20).

Biex naraw din il-bidla fil-paradigma tat-teoloġija morali, hija meħtieġa aktar attenzjoni biex ma noftmux id-duttrina mir-realtà konkreta. Fi kliem il-Papa Franġisku, "din ir-rabta bejn id-duttrina u l-pastorali mhix għażla libera, imma neċessarja jekk irridu li t-teoloġija tkun waħda ekklezjali"[1]. Jekk nirriduċu t-teoloġija għal "sistema magħluqa", it-teoloġija ssir ideoloġija. Meta t-teoloġija ssir ideoloġija, in-nisrani jitlef il-fidi u ma jibqax dixxiplu ta' Ġesù. "Irridu noqgħodu attenti li l-għarfien tagħna ta' Ġesù ma nirrenduhx għarfien ideoloġiku jew normattiv u hekk nagħqu l-bieb b'ħafna liġijiet"[2].

✠ **Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex
President tal-Konferenza Episkopali Maltija

[1] Messaggio al Congresso Internazionale di Teologia presso la Pont. Univ. Cattolica Argentia, Buenos Aires, 1-3 settembre 2015.
[2] Omelia, 17 Ottobre, 2013